# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Frar, 2020.**

**Numru 6**

**Rikors numru 538/12 AE**

**Raymond Cutajar**

**v.**

**Grand Hotel Excelsior Limited (C-12837)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li l-attur ipprezenta bil-procedura sommarja specjali fit-30 ta' Mejju, 2012, u li jaqra hekk:

> "Illi s-socjeta` intimata hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta' mija u disghin elf, seba' mija u disa' Ewro u tmienja u tletin centezmu (€190,709.38) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar in kwantu prezz ta' servizzi rezi mir-rikorrenti lis-socjeta` intimata kif ukoll prezz ta' makkinarju, ingenji, *diesel*, u affarijiet ohra ordnati mir-rikorrenti fuq it-talbiet ta' l-istess socjeta` intimata ghas-sodisfazzjon pjen taghha (kopji ta' l-*invoices* relattivi kif ukoll affidavit ta' Steven Galea, *accountant,* annessi u mmarkati GHE I1 – GHE I223 u SG AFF1 rispettivament).

"Illi s-socjeta` intimata dejjem irrikonoxxiet l-ammont dovut u ddikjarat ruhha pjenament sodisfatta bis-servizz maghmula mir-rikorrent tant illi r-rikorrenti kompla jitqabbad mis-socjeta` intimata ghas-servizzi tieghu tul is-snin;

"Illi t-talbiet ta' xoghol u servizz mill-konvenuti lill-attur gewwa l-lukanda Grand Hotel Excelsior kienu konsistenti, u s-socjeta` konvenuta dejjem kienet sodisfatta b'tali xoghol;

"Illi s-socjeta` intimata minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-bilanc minnha dovut baqghet inadempjenti;

"Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tar-rikorrenti, is-socjeta` intimata m'ghandha ebda eccezzjonijiet x'tissolleva kontra t-talbiet attrici;

"Illi ghaldaqstant, huma applikabbli ghal dawn il-proceduri d-disposizzjonijiet ghad-dispenza mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

"Tghid ghalhekk, is-socjeta` intimata, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex prevja kwalunkwe dikjarazzjonijiet, ordnijiet u/jew proceduri necessarji u opportuni:

> "1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
>
> "2. Tiddikjara lis-socjeta` Grand Hotel Excelsior Limited debitrici ta' Raymond Cutajar fl-ammont ta' mija u disghin elf, seba' mija u disa' Ewro u tmienja u tletin centezmu (€190,709.38);
>
> "3. Konsegwentement, tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas ir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u disghin elf, seba' mija u disa' Ewro u tmienja u tletin centezmu (€190,709.38) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar in kwantu prezz ta' servizzi rezi mir-rikorrenti lis-socjeta` intimata kif ukoll prezz ta' makkinarju, ingenji, *diesel* u affarijiet ohra ordnati mir-rikorrenti fuq it-talbiet ta' l-istess socjeta` intimata ghal-lukanda Grand Hotel Excelsior u debitament ikkonsenjati lill-istess socjeta` intimata ghas-sodisfazzjon pjen taghha (kopji ta' l-*invoices* relattivi annessi u mmarkati GHE I1- GHE I223).

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati t-22 ta' April, 2010 (kopja annessa u mmarkata bhala GHE A) u t-12 ta' MArzu, 2012 (kopja annessa u mmarkata bhala GHE B), u tal-mandat ta' sekwestru kwatelatorju numru 644/12, u bl-interessi kummercjali skond il-Ligi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet:

> "Tesponi riverentement, u bil-gurament tieghu l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli fil-kwalita` tieghu bhala mandatarju specjali tal-imsemmija Grand Hotel Excelsior Limited (Prokura Dok A) jikkonferma:
>
> "1. Preliminarjament, it-talbiet rikorrenti huma preskritti bil-preskrizzjoni tat-tmintax (18) -il xahafr u dana ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
>
> "2. Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq moghtija, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti stante illi l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorret billi s-serivizzi allegatament moghtija u l-makkinarju u affarijiet ohra imsemmija mill-istess rikorrent allegatament ikkonsenjati ma gewx ikkuntrattati jew ordnati mis-socjeta` intimata; kif ukoll l-istess servizzi allegatament moghtija mir-rikorrenti ma gewx fil-fatt rezi u l-makkinarju u l-affarijiet l-ohra allegatament provduti mir-rikorrent ma gewx fil-fatt uzati.
>
> "3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-fuq eccepit, il-pretenzjonijiet tar-rikorrent huma bil-bosta esagerati u mahduma fuq rati illi bl-ebda mod ma jirriflettu r-realtajiet u l-prezzijiet ezistenti fis-suq kummercjali u f'kull kaz is-socjeta` intimata qatt ma accettat jew b'xi mod approvat il-fatturi mahruga mir-rikorrent meritu ta' dina l-kawza, tant illi l-istess fatturi kienu intbaghtu lura lill-istess rikorrent.
>
> "Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Ottubru, 2014, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

> "1. Tichad l-ewwel eccezzjoni.
> "2. Tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu.
> "3. Tilqa' t-tieni u tielet talba u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' mija u disghin elf seba' mija u disgha ewro u tmienja u tletin centezmu (€190,709.38), bl-imghax minn Marzu 2010.
>
> "Spejjez a karigu tal-kumpannija konvenuta."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**<u>Kwistjoni</u>**.

"Il-kaz jitratta dwar hlas li l-attur qieghed jippretendi minghand il-kumpannija konvenuta ghal xoghol u servizz matul is-snin 2007 sal-2009 gewwa l-lukanda Grand Hotel Excelsior, Floriana. Is-somma pretiza hi ta' **€190,709.38**.

"Filwaqt li l-attur isostni li l-kumpannija konvenuta *"….. irrikonoxxiet l-ammont dovut u ddikjarat ruhha pjenament sodisfatta bis-servizz maghmul mir-rikorrenti tant illi r-rikorrent kompla jitqabbad mis-socjeta intimata ghas-servizzi tieghu tul is-snin"* (fol. 1), il-konvenuta kkontestat il-kawza billi ssostni li:-

"i. Ma ordnatx is-servizz u oggetti;
"ii. Is-servizz ma nghatax u l-makkinarju ma giex utilizzat;
"iii. Il-prezzijiet li qeghdin jintalbu huma ezagerati;
"iv. Il-fatturi qatt ma gew approvati;

"Mill-provi rrizulta li x-xoghol u servizz li ta l-attur kien jinkludi:

"i. Tindif ta' aperturi tal-hgieg;
"ii. Kiri ta' kumpressur, generator, trukkijiet, vannijiet, scaffolding, palletizer u pompi;
"iii. Tindif ta' grease traps, fosos u sewage drains.

"**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

"Il-qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-kontestazzjoni tal-kumpannija konvenuta:

"1. **<u>Preskrizzjoni skond l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili</u>** –

"Mill-atti jirrizulta li:

"i. Ix-xoghol u servizz li tieghu qieghed jintalab il-hlas jirreferi ghall-perjodu bejn 2007 u 2009. Kien hemm *an ongoing relationship* bejn l-attur u l-kumpannija konvenuta.
"ii. Fit-22 ta' April 2010, l-atturipprezenta ittra ufficjali kontra l-konvenuta fejn talab il-hlas (fol. 275).
"iii. Fit-30 ta' Mejju 2012 l-attur ipprezenta l-kawza.

"L-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili jipprovdi jaqghu bi preskrizzjoni ta' sentejn:

*"L-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra ta' injam, gebel jew*

*materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu".*

"Il-qorti hi tal-fehma li:-

"1.1 Il-hidma tal-attur fil-lukanda m'ghandha x'taqsam xejn max-xoghol li jissemma fl-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.
"1.2 F'kull kaz mill-provi rrizulta bla dubju kif mix-xhieda stess li ressqet il-kumpannija konvenuta, u minkejja l-eccezzjonijiet pproponiet, hemm accettazzjoni li hi debitrici tal-attur. Il-kwistjoni reali hu li tqies ezagerat il-hlas li qieghed jippretendi l-attur.

"Rilevanti wkoll li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni m'hijiex kompatibbli ma' eccezzjoni li l-ammont pretiz hu ezagerat. Eccezzjoni li fiha nnifisha l-konvenut ikun qieghed jirrikonoxxi li hu debitur tal-attur ghalkemm ikun qieghed jikkontesta l-ammont pretiz.

"Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

"1. **<u>Ma giex ordnat u ma nghatax servizz u oggetti</u>**.

"Mid-deposizzjoni ta' impjegati stess tal-kumpannija konvenuta rrizulta bla dubju li fil-fatt l-attur ta servizz u oggetti lill-kumpannija konvenuta. F'dan il-kuntest issir riferenza ghal:-

"2.1 - Dak li xehed **Trevor Carabott**, li kien jahdem mal-kumpannija konvenuta bhala *procurement manager*, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2013 (fol. 359-364):-

*"Kien joffrilna diversi servizzi, fosthom tindif ta' spieri tad-drenagg, tindif ta' hgieg, manutenzjoni fuq equipment kbir, kiri ta' vannijiet kif ukoll garr ta' xoghol minn post ghall-iehor"*;

*"Nikkonferma li bhala lukanda ahna kellna it-team ta' maintenance workmen taghna imma imbaghad kien hemm certu xogholijiet li kien jaghmilhom Ray Cutajar, ezempju kellu equipment fil-post, fork lifters, pompi ghad-drainage ……"*.

"Spjega kif sar jaf lill-attur meta Graham Elliott, direttur tal-kumpannija konvenuta, introducieh u zied:

*"L-istruzzjonijiet li gew minghand is-sid kien li dan ir-ragel f'dak ix-xoghol li kellu x'jaqsam mal-bini tal-lukanda, jitkompla jaghti servizz fil-lukanda"*.

"2.2 - Tant l-attur kien hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet li l-konvenuta stess accettat il-parti kbira ta' invoices li huma l-meritu ta' din il-kawza. Konkluzjoni li l-qorti qeghda tasal ghaliha mill-fatt li dawn iddahhlu fil-kotba tal-kumpannija u ttiehed il-beneficcju mit-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. F'dan ir-rigward xehed **Mario Attard**, *chief administrator* fil-lukanda Excelsior, li spjega:

> *"Nikkonferma li fl-accounts ghandna entry dwar il-claim li ghamel Cutajar imma mhux il-kontijiet kollha huma mdahhlin u dan peress li l-kontijiet li hallejna barra, ahna qeghdin nikkontestaw"* (fol. 337).
>
> *"Nikkonferma li fl-accounts ghandna madwar xi 100,000 bhala entry fir-rigward tal-claim ta' Cutajar fir-rigward ta' Grand Hotel Excelsior. Dwar il-kumplament ahna ma ahna naccettaw xejn….. **Nikkonferma li l-ammont li ghandna fl-accounts ahna lesti li nhallsuhom lil Raymond. Ahna qed nikkontestaw is-somma li ma gietx inkluza fl-accounts**"* (enfazi mizjuda, fol. 337).

"L-istess xhud xehed (seduta 18 ta' Frar 2014):-

> *"Ma kienx hemm problema ghal dak li ghandu x'jaqsam max-xoghol u s-servizzi li kien ta s-sur Cutajar, imma kien hemm problema bir-rata ta' hlas li kien qed jippretendi minghand il-kumpannija. Ahna deherilna li qed jitlob rati gholjien"* (fol. 498).

"2.3 - Deposizzjoni ta' **Norbert Grixti**, general manager tal-lukanda sa mill-ftuh tal-lukanda (Settembru, 2007). Ix-xhud ikkonferma: *"…. Jien kont naf li Raymond Cutajar jaghmel xoghol fil-lukanda"* (fol. 334). Qal ukoll: *"Nikkonferma li fil-principju ahna ma konniex qed nghidu li Cutajar qatt ma tana servizz ghax jien stess naf li kien ikun il-lukanda. Il-problema principali kienet il-pricing. Dan kien gholi wisq"* (fol. 500).

"2.4 - Dak li xehed **Emanuel Seguna**, maintenance manager tal-lukanda, li kkonferma li l-attur: *"Kien jaghmlilna xoghol ta' maintenance ezempju jnaddaf il-grease traps, pompi tad-drenagg kien hadmilna fuqhom. Kien inaddafhom ukoll. Gieli cempiltlu jien lil Raymond, sabiex jigi l-lukanda…. Mistoqsi mill-qorti kemm ilni naf lil Cutajar nghid qiesu kemm ili nahdem jien il-lukanda, hames snin……Kellna ordni minghand Trevor Carabott u certu wiehed Graham li jahdmu l-lukanda. Trevor kien jahdem fil-lukanda Excelsior. Dan kien purchasing manager u hu kien ighid li rridu nikkomunikaw ma' Ray Cutajar…….Ma kienx hemm hinijiet li fihom Raymond kien qed jaghtina s-servizz tieghu. Ahna nghidulu u hu jigi"* (fol. 332). Spjega li kien jikkomunika mal-attur ukoll jekk ikollhom bzonn generator ghall-lukanda.

"2.5 - **Graham Elliott** direttur tal-kumpannija konvenuta li mill-provi rrizulta li kien qrib tal-attur, xehed:

> *"Dr Antonio Depasquale: What was your relationship with Ray, throughout this period…. when he was working with Grand Hotel Excelsior Limited ? What was your relationship with him and how can you comment about his performance there ?*
>
> *"Witness: My understanding was work related, he performed various duties on behalf of Grand Hotel Excelsior and he did those duties very well.*
>
> *"Dr Antonio Depasquale: Who were the persons responsible for delegating or giving him work to be done ?*

> *"Witness: For the hotel, for the work of Grand Hotel Excelsior he would have been instructed under the, either directly from the General Manager office or through the Maintenance Department. Or should have been"* (fol. 388).

"2.6 - **Marco Micallef**, ufficjal tal-APS (affidavit a fol. 296), xehed li kien tkellem ma' Trevor Carabott u kkonfermalu li ghandu x'jaqsam mal-kontijiet tal-kumpannija konvenuta; *"Niftakar illi Trevor Carabott ikkonfermali li l-kumpannija Grand Hotel Excelsior Ltd kienet taf lil Raymond Cutajar ammont sostanzjali ta' flus u li l-pagamenti li kienu dovut lil Raymond Cutajar kienu se jibdew jithallsu dalwaqt. Din it-telefonata sehhet madwar Gunju tas-sena 2009"*.

"2.7 - **Sarah Marie Vella** (affidavit a fol. 305) li kienet is-segretarja ta' Graham Elliott bejn Frar 2007 sa Settembru 2009; *"…. Niftakar lil Ray Cutajar jahdem gewwa l-lukanda b'mod konsistenti matul il-perjodu li jien hdimt ta' segretarja. Niftakar li kien ikun hemm kwazi kuljum…. Niftakar ukoll l-isem ta' RayCut jigi rikjest ghal bosta xogholijiet li kien hemm bzonn isiru fil-lukanda. Huwa kien dejjem disponibbli u lest biex jaghti l-ghajnuna tieghu"*.

<u>"1. **Ammont pretiz hu ezagerat**</u>.

"3.1- Trevor Carabott kien ipprepara dokument (RC17 a fol. 280) li fih rendikont tal-kontijiet li hareg l-attur u deskrizzjoni tax-xoghol u servizz li pprovda fil-lukanda. Fid-dokument hemm deskrizzjoni tax-xoghol, il-hlas mitlub mill-attur ghal kull kont, u l-prezz li kienet qeghda tipproponi l-kumpannija konvenuta. Bazikament il-konvenuta pproponiet skont ta' 30%, 50% jew 60% fir-rigward tal-parti l-kbira tal-kontijiet oggett ta' dawn il-proceduri. Verzjoni li fil-fehma tal-qorti tistona ferm ma' dak li kiteb Graham Elliott f'email li baghat lill-attur fit-18 ta' Jannar 2010 (fol. 273):-

> *"Dear Ray*
> *Just wanted to give you a quick update from Hong Kong. I am working with Thomas to get the invoices you sent approved.* ***There might be a few for which we need additional details****, but I am trying to get the majority of them in the system so we can make a payment soon. We will let you know which invoices need additional clarification by Wednesday this week"* (enfazi mizjuda).

"Minn din l-email hu evidenti li ma kienx hemm il-kontestazzjoni kollha li tidher mid-dokument ta' Trevor Carabott (Dok. RC17) fejn tista' tghid il-kumpannija konvenuta ppretendiet skont fir-rigward ta' kull wiehed mill-kontijiet li pprezenta l-attur.

"Mid-deposizzjoni ta' Mario Attard irrizulta li kienu vverifikaw il-kontijiet li pprezenta l-attur, u fil-kontijiet tal-kumpannija nkludew s-somma ta' €164,288.52 mis-somma ta' €190,612.38. Irrizulta wkoll li fuq dawn il-kontijiet il-kumpannija konvenuta hadet il-beneficcju tat-taxxa. Ghall-qorti dan fih innifsu hu prova li l-kumpannija konvenuta accettat il-kontijiet li nhargu mill-attur. F'dokument MA a fol. 366 jinghad, fost taghrif iehor:-

*"Posted invoices as at 30/03/2010 €164,288.52 (VAT Paid)"*.

"Dokument li hu ffirmat minn Mario Attard u Charles Vella (internal auditor tal-kumpannija) u gie pprezentat b'riferenza ghal dak li xehed Attard fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2013 (fol. 336)[1]. Ix-xhud, imressaq mill-kumpannija konvenuta, qal:-

> *"Nikkonferma li **l-ammont li ghandna fl-accounts lesti li nhallsuhom lil Raymond. Ahna qed nikkontestaw is-somma li ma gietx inkluza fl-accounts**"*.

"Ghalhekk hu evidenti li m'hemmx kontestazzjoni fuq is-somma ta' **€164,288.52**.

"Meta rega' xehed fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2013 ikkonferma li fuq dik ic-cifra *".... il-kumpannija konvenuta hadet il-credit tal-VAT fuqu"* (fol. 378). Hu veru li qal li dik is-somma ma thallsitx ghaliex: *".... wara li ghamilna analizi ta' dawn l-invoices irrizulta li nholqu certu queries dwar l-ammonti li ntalbu….. Illum ma ghandhiex taghrif bl-ezatt kemm bhala flus ma humiex qed jigu kkonstestati ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' invoices, imma bejn wiehed u iehor ic-cifra hija ta' mija u ghaxart elef ewro mis-somma ta' mija u disghin elf, sitt mija u tnax-il ewro"* (fol. 379). Il-qorti ma tistax taccetta din il-verzjoni meta tqies il-verzjoni differenti li ta fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2013 (fol. 337). Verzjoni cara li ma thalli l-ebda lok ghal dubju. F'dan ir-rigward ukoll, il-qorti tosserva li:-

"i. ma ngiebitx xi prova li turi li l-accounts kienu gew riveduti;
"ii. ix-xhud stess ikkonferma li meta jircievu kontijiet minghand supplier, il-hlas pretiz ma jigiex *inputted* mill-ewwel fis-sistema ta' accounting; *"… ahna ghandna sistema interna ta' x'isir qabel ma dik ic-cifra f'dak il-kont tigi inputted fl-accounts taghna"* (fol. 379). Tant jirrizulta li qabel sar l-inputting sar ezami tal-kontijiet li baghat l-attur li x-xhud ikkonferma li fil-balance sheet tal-kumpannija d-*deferred liability*[2] tirrigwarda s-somma ta' €26,323.

"3.2- Norbert Grixti fl-affidavit li ghamel, semma li kien hemm xi invoices hargu darbtejn ghall-istess servizz, wiehed fuq Slipform Engineering International Limited u l-iehor f'isem il-kumpannija konvenuta (ara Dok. GE a fol. 466 mehmuz mal-affidavit). F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

"3.2.1 –kien hemm zewg kumpanniji li lilhom l-attur kien qieghed jaghti servizz;
"3.2.2 –Trevor Carabott, procurement manager, qatt ma ddikjara li kien irrizulta li kien hemm kazijiet fejn l-attur hareg zewg invoices ghall-istess xoghol u servizz;
"3.2.3 –Norbert Grixti stess xehed li hu ma kienx involut fix-xoghol u servizz li kien qieghed jipprovdi l-attur;

---

[1] Ix-xhud qal: *"Min-naha tieghi jien qed nobbliga ruhi li nghaddi lil Dr Kevin Dingli biex jipprezenta fil-Qorti, id-dokument li ghandna fl-ufficcju taghna minn fejn jirrizulta c-cifra li ahna m'ahniex qed nikkontestaw u li lesti inhallsuh"* (fol. 338).
[2] Ix-xhud spjega: *"Deferred liability tfisser li l-Grand Hotel ma accettax il-claim ghall-hlas ta' din ic-cifra"* (fol. 379).

“3.2.4 –L-invoices elenkati f’Dok. GE m’humiex ghall-istess prezz;

“3.2.5 –Marisa Xuereb, financial officer ta’ Slipform Engineering Limited, xehedet li f’April 2009 ma komplietx tahdem ma’ dik il-kumpannija. Id-dati tal-kontijiet li jissemmew f’Dok. GE huma kollha bid-data qabel April 2009, cjoe’ fi zmien meta m’hemmx dubju li l-kumpannija ghadha qeghda topera. Ix-xhud stess ikkonferma: *“Kien hemm zmien fejn Slipform u Grand Hotel Excelsior Limited kienu qeghdin joperaw t-tnejn fl-istess zmien”* (fol. 500). Hu evidenti wkoll li certu taghrif ma jafux di scienza propria izda ghaliex intqal lilu minn terzi. Hekk per ezempju l-qorti ma tarax li hu kredibbli li biex ingarret l-ghamara ghal gewwa l-lukanda ta’ dak il-kobor intuza trukk wiehed biss. Lanqas ma tarah kredibbli li f’sit ta’ dak il-kobor kien intuza scaffolding wiehed biss (ara x’qal ix-xhud, fol. 500).

“3.3- Tibqa’ l-kwistjoni dwar il-bilanc ta’ €26,323.86. Trevor Carabott xehed li wara li l-attur tah il-kontijiet, *“Gibt quotations ta’ nies ohra biex nara li dak li qed jitlobna huwa pagament gust. Sejjaht lil Raymond, ghidtlu Ray, m’inhiex naqbel mal-kontijiet li qed tikkwotalna. Qalli dawn huma l-prezzijiet li jien dejjem zammejt lil Slip Form… Jien ma stajtx naccettahom ghax mill-quotations li gbart rajt li huma prezzijiet gholjien”* (seduta 20 ta’ Marzu 2013, fol. 360). Fil-fehma tal-qorti hawn hu fejn sar hazin. Is-serjeta’ u l-kontabilita’ kienet titlob li l-istimi jintalbu qabel u mhux wara li gew prezentati l-kontijiet. Kien fatt maghruf li l-attur kien qieghed jaghti servizz. Madankollu diment li kien qieghed jinghata s-servizz hadd ma staqsa jew talab xejn minghand l-attur. Kien biss wara li l-attur ipprezenta l-kontijiet li nqalghu l-problemi. Sahansitra l-istess xhud qal: *“Nikkonferma li ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ prezzijiet tas-servizzi tieghu, hu kien ighid li dawk jiftiehem dwarhom ma’ iben is-sid. Anke iben is-sid kien ighidli li jiccekja dwarhom ma’ Raymond Cutajar direttament”* (fol. 360). Mill-provi jidher li mhux il-kontijiet kollha gew prezentati fl-istess zmien. Madankollu l-konvenuta baqghet tinqeda bix-xoghol u servizz tal-attur. Il-qorti tifhem li kieku r-rati tal-hlas kienu genwinament kontestati, ir-relazzjoni mal-attur kienet titwaqqaf minnufih jew ghallinqas tigi addotata l-procedura li kienet tintuza ma’ kuntratturi ohra u mhux ma jsir xejn. Il-qorti rat ukoll id-deposizzjoni li ta Graham Elliott fil-kawza **Raymond Cutajar vs Slipform Engineering International Ltd** (540/2012). Ix-xhud kien ipprezenta Dok. GE1, li dwaru qal: *“I have a statement where I include all various invoices received which I am going to present in the records of these proceedings”* (fol. 431). F’dan ir-rendikont wiehed jiehu ideja tal-kontijiet li kien johrog l-attur ghal servizz simili bhal dak meritu tal-kawza, bhal per ezempju kiri ta’ forklifters, trukk, u scaffolding. Kontijiet li fid-dokument li pprezenta x-xhud stess jinghad *“paid on account”*. Il-hlas li talab ghall-kiri tista’ tghid li hu simili ghal dak li qieghed jitlob fil-kaz in ezami. Kontijiet li nhargu fil-perjodu bejn Novembru 2006 u Novembru 2008. Ghalkemm hu veru li huma zewg kumpanniji differenti, pero’ Graham Elliott kien involut fiz-zewg kumpanniji. Mehud in konsiderazzjoni dan ‘il fatt il-qorti tikkonkludi li kien maghruf x’tip ta’ hlas ser jippretendi l-attur. Kieku Graham Elliott kellu oggezzjoni ghall-prezzijiet mitluba, ir-raguni tghidlek li kien jiehu passi mill-ewwel biex jizgura:-

"i. Li l-attur jirrevedi l-prezzijiet u tigi miftiehma price list li torbot; jew
"ii. Li jaghti struzzjonijiet li fil-kaz tal-attur ukoll tigi segwita l-procedura li kienet tigi applikata mal-kuntratturi l-ohra; jew
"iii. Li jinstab kuntrattur iehor li seta' joffri prezzijiet orhos.

"Minn dan kollu ma sar xejn. Fil-fehma tal-qorti lanqas ma jista' jigi propost l-argument li Elliott ma kienx involut fil-management tal-lukanda. Fl-ewwel lok hu kien direttur tal-kumpannija konvenuta. Dan apparti li x-xhud Trevor Carabott ikkonferma li l-attur kien qallu li l-prezzijiet kien ftehem dwarhom ma' iben is-sid, li fil-fatt hu Graham Elliott. Fil-fatt jidher li Carabott qaghad fuq din id-dikjarazzjoni. Dan fih innifsu juri li Elliott kellu l-awtorita.

"F'kull kaz ghalkemm il-konvenuta ssostni li kien hemm kontijiet li huma ezagerati, m'hemmx prova ta' din l-allegazzjoni. Min jallega jrid jipprova. Il-verzjoni ta' Trevor Carabott biss m'hijiex prova sodisfacenti. Ix-xhud lanqas ma ntalab jissostanzja l-iskont kollu li ntalab (ara Dok. RC17).

"3. **Fatturi qatt ma gew approvati**.

"Mill-provi rrizulta li qabel jinghata servizz minn Raymond Cutajar ma kenitx tigi segwita l-procedura li kellhom fil-lukanda. Norbert Grixti spjega:-

> *"… ghandna procedura li qabel ma jsir xi xoghol [kemm sabiex isir xi xoghol jew jinxtraw xi supplies], irid jinhareg request sabiex isir dan. Wara li dawn ikunu approvati mill-Head Office f'Hong Kong, isir ix-xoghol li jrid jigi certifikat li saru fuq il-fattura stess minghand min ikun talab ix-xoghol"* (fol. 461).

"Fil-kaz tal-attur ma sar xejn minn dan. Hu evidenti li bejn l-attur u Graham Elliott kien hemm relazzjoni tajba hafna. Tant hu hekk li l-attur kien inghata pass sabiex meta jrid ikun jista' jidhol u johrog fil-lukanda. Fatt li fih innifsu juri il-fiducja li kien hemm fl-attur. L-impjegati li xehedu kollha jafu lil Raymond Cutajar. Hu evidenti wkoll li fil-perjodu li l-attur kien qieghed jaghti servizz fil-lukanda, hadd mill-management ma kien ighid xejn. Atteggjament li fih innifsu juri li fil-kaz tal-attur kienet l-ghazla tal-management li ma tinsistiex li tigi segwita l-procedura normali ghax-xoghol li kien jaghmel Raymond Cutajar.

"Il-konkluzjoni tal-qorti hi li l-attrici ma tistax tipprova tiehu xi beneficcju mill-fatt li qabel jinghata s-servizz ma kenitx tigi segwita l-procedura ghall-ordni ta' servizz jew xiri ta' materjal."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

> "tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Ottubru 2014, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u tipprovdi minflok billi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-esponenti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu."

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, jissottometti li din il-Qorti ghandha tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta`;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob hlas ghad-diversi servizzi li wettaq fil-lukanda konvenuta bejn is-snin 2007 u l-2009. L-attur kien speci ta' "refugju" li jahdem ghal rasu, u spiss kien jigi mqabbad jaghmel xi xoghol skond kif ikun hemm bzonn fil-lukanda. Hu qed jitlob hlas ammontanti ghal €190,709.38 u ressaq diversi *invoices* biex jiggustifika t-talba tieghu. Is-socjeta` konvenuta tammetti li gieli kienet tqabbad lill-attur ghax-xoghol li jkun mehtieg u tammetti li ghandha thallas xi haga lill-attur, izda tghid li s-somma mitluba hi esagerata. Hi ressqet ukoll l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' 18-il xahar a bazi tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

L-ewwel Qorti, wara li cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, sabet illi fuq is-somma ta' €164,288.52 ma kienx hemm kontestazzjoni, u fuq il-bilanc, wara li analizzat il-provi, sabet li l-allegazzjoni tal-attur giet pruvata u ghaddiet biex tilqa' it-talbiet attrici.

Is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenza, u qed tinsisti fuq l-eccezzjoni taghha ta' preskrizzjoni, u fuq l-allegazzjoni taghha li l-ammont mitlub hu esagerat, partikolarment peress li skont hi kien hemm "*double charged invoices*".

Trattat l-appell, din il-Qorti sejra titratta l-ewwel l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, li l-ewwel Qorti cahdet peress li qieset li da parti tas-socjeta` konvenuta kien hemm accettazzjoni li hi debitrici tal-attur.

Jezistu cirkostanzi fejn il-preskrizzjoni eccepita tista' titqies rinunzjata, bhal f'dawk il-kazijiet fejn id-debitur jadotta linja ta' difiza li tpoggih fi stat, li tirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-eccezzjoni moghtija minnu tal-preskrizzjoni. Ezempji ta' dan il-kaz huwa proprju fejn id-debitur jikkontesta l-pretensjonijiet attrici bhala esagerati u kwindi jressaq argumenti dwar l-allegat bilanc dovut, jew fejn apparti l-preskrizzjoni jeccepixxi wkoll il-kompensazzjoni. Tali eccezzjonijiet jimportaw rikonoxximent tad-dejn u tali gharfien jinterrompi l-preskrizzjoni, kif ukoll jikkostitwixxi rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun lahqet ghaddiet. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta'

Dicembru 1901 fil-kawza fl-ismijiet **Farrugia v. Perini**, (Kollez. Vol: XVIII.ii.81) tissejjah "*l'abdicazione di un diritto*".

Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat et v. Peter Muscat Scerri** inghad:

> "Fil-kawza Vella v. Cefai noe, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2001, intqal li filwaqt illi l-eccezzjoni tal-pagament ma kenitx inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni, gie minn dejjem sostnut illi hija nkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dik ta' inezistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-kompensazzjoni. Fl-istess sens hija s-sentenza moghtija minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet Vella v. Moby Rentals Ltd. Anke jekk, it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` kjamata in kawza tinqara fis-sens li t-talba tal-attur hi esagerata (ghax ghad-danni li sofra gia` inghata rimedju), tali eccezzjoni twaqqa' dik ta' preskrizzjoni kif inghad minn din il-Qorti fil-kawza Aluminium Ltd. v. Earli Ltd., deciza fis-16 ta' Frar, 2004."

Dana peress li huwa ritenut li meta konvenut jeccepixxi l-ammont riklamat da parti tal-attur bhala wiehed esagerat, ikun qieghed jikkontendi li l-ammont reklamat kellu jkun inqas, allura jkun qieghed jirrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni peress li hemm inkompatibilita` bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eccezzjoni li l-ammont mhux dovut stante li esagerat. Hekk ukoll gie ritenut li fejn id-debitur jikkontesta l-*quantum* tal-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni. L-istess f'dan il-kaz, ladarba fit-tielet eccezzjoni taghha l-konvenuta appellant eccepiet li l-ammont pretiz huwa esagerat u mhux gustifikat, din l-eccezzjoni hija inkompatibbli mal-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni allavolja saret "*subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit*". (Ara f'dan is-sens ukoll is-

sentenza ta' din il-Qorti (sede inferjuri) tad-29 ta' Jannar, 1998, fil-kawza fl-ismijiet **Antonia Attard Gialanze` v. Emanuel u Doris Rizzo,** Kollez. Vol: LXXXII.ii.).

Is-socjeta` konvenuta targumenta illi hi mill-ewwel ikkuntrastat il-pretensjonijiet attrici u l-fatt li ressqet tali eccezzjoni tal-preskrizzjoni bhala l-ewwel eccezzjoni u hija dik ewlenija, kienet qieghda turi manifestament li ma kellhiex il-hsieb li tirrinunzja ghal tali eccezzjoni.

Izda kif inghad fis-sentenza hawn appena citata taq' **Attard Gialanze` v. Rizzo**:

> "Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellati li t-tieni eccezzjoni taghhom saret bla pregudizzju, anke hawn hemm insenjament car u cioe` illi (ara ukoll fost ohrajn id-decizjoni Felice Fenech v. Carmelo Bellia tad-29 ta' Jannar, 1960, moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili);
>
> "……xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla pregudizzju ta' l-eccepita preskrizzjoni in vista tal-principju protestatis contra factum non relevat u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja ghall-preskrizzjoni….".

Kwindi l-attur appellat ghandu ragun wkoll fir-rigward, u l-ecezzjoni relattiva ta' preskrizzjoni qed tigi michuda anke minn din il-Qorti.

Ghar-rigward tas-somma mitluba, is-socjeta` konvenuta tghid li f'certi kazijiet ir-rati li kien qed jitlob l-attur kienu gholjin. Bhala fatt, pero`, ma sarx ftehim fuq rati, u r-rati li kien qed jadotta l-atturi kienu a konoxxenza tas-socjeta` konvenuta. Din tal-ahhar kienet taf x'sejjer jippretendi l-attur

u la oggezzjonat u lanqas ma talbet laqgha biex jiddiskutu l-prezzijiet. L-ewwel Qorti ghamlet analizi profonda u dettaljata tax-xhieda prodotti, u din il-Qorti taqbel mal-analizi li ghamlet. Ma tarax ghalfejn toqghod tirrepeti l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi u li jindikaw b'mod car li s-socjeta` konvenuta kienet ben konxja tar-rati li jadopera l-attur, u xorta wahda baqghet tqabbdu jaghmlilha xi xoghol u taccetta x-xoghol li jaghmel. Ma hemmx kwistjoni dwar il-kwalita` tax-xoghol li wettaq l-attur, u lanqas ma gew specifikati dettaljatament l-esagerazzjonijiet fir-rati kif tallega s-socjeta`.

Lanqas ma jirrizulta li l-attur qed jitlob hlas ghal darbtejn ghall-istess xoghol. Kien hemm zmien meta l-attur wettaq xoghol ukoll ghall-kumpanija ohra relata mal-lukanda konvenuta, izda meta l-lukanda fethet, l-attur, fuq talba tal-istess socjeta` konvenuta, idderiga xoghlu lejn din is-socjeta`. Mill-*invoices*ipprezentati ma jirrizultax li qed jintalab hlas ghal darbtejn, u meta xehed fil-kawza il-*procurement manager*, dan ma qalx li l-attur kien qed jitlob *double payment*.

Kollox ma' kollox, din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta tal-fatti, u ezercitat id-diskrezzjoni taghha b'mod korrett u anzi, impekkabbli.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* is-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza jtihallsu kollha mis-socjeta` konvenuta u peress li tqis dan l-appell bhala wiehed fieragh u vessatorju, tikkundanna lill-appellant sabiex, ai termini tal-paragrafu 10 tat-Tariffi A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ihallas ukoll, bhala spejjez addizzjonali, is-somma ta' hames mitt Ewro (€500) lir-Registratur tal-Qrati.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr